SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

13 ta' Mejju 2020*

"Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Vogue Peek & Cloppenburg – Isem kummerċjali nazzjonali preċedenti Peek & Cloppenburg – Raġuni relattiva għal rifjut – Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Koeżistenza tal-isem kummerċjali nazzjonali u tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni – Ftehim ta' delimitazzjoni – Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-EUIPO – Sospensjoni tal-proċedura amministrattiva – Artikolu 70 tar-Regolament 2017/1001 – Regola 20(7)(c) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 (li sar l-Artikolu 71(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2018/625) – Żball manifest ta' evalwazzjoni"

Fil-Kawża T-443/18,

Peek & Cloppenburg KG, stabbilita f'Düsseldorf (il-Ġermanja), irrappreżentata minn P. Lange, avukat,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn D. Hanf, bħala aġent,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, hija

Peek u Cloppenburg KG, stabbilita f'Hamburg (il-Ġermanja), irrappreżentata minn A. Renck, M. Petersenn u C. Stöber, avukati,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2018 (Każ R 1362/2005-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Peek & Cloppenburg (Hamburg) u Peek & Cloppenburg (Düsseldorf),

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

komposta minn H. Kanninen, President, J. Schwarcz u C. Iliopoulos (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: M. Marescaux, Amministratur,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Lulju 2018,

wara li r-rat ir-risposta tal-EUIPO ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' Ottubru 2018,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Ottubru 2018,

wara li rat id-deċiżjonijiet tas-27 ta' Awwissu u tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar ir-rifjut li din il-kawża tingħaqad mal-Kawżi T-444/18, T-445/18 u T-446/18, minn naħa, u mal-Kawżi T-444/18 sa T-446/18, T-534/18 u T-535/18, min-naħa l-oħra,

wara s-seduta tal-4 ta' Settembru 2019,

tagħti l-preżenti

Sentenza [1]

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fis-17 ta' Mejju 2002, ir-rikorrenti, Peek & Cloppenburg (Düsseldorf), ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea mal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), kif emendat (issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1), kif emendat, min-naħa tiegħu ssostitwit bir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1)).

2 It-trademark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija s-sinjal verbali Vogue Peek & Cloppenburg.

3 Il-prodotti u s-servizzi li għalihom intalbet din ir-reġistrazzjoni jaqgħu, wara l-limitazzjoni li saret matul il-proċedura quddiem l-EUIPO, taħt il-klassijiet 18, 25 u 35 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, u jikkorrispondu, għal kull waħda minn dawn il-klassijiet, għad-deskrizzjoni li ġejja:

– klassi 18: "Ġilda u imitazzjoni tal-ġilda, prodotti magħmula minn dawn il-materjali, inklużi fil-klassi 18, jiġifieri basktijiet, basktijiet tal-idejn, portmonijiet, barżakki, kaxxetti taċ-ċwievet, kaxxetti għal apparat elettroniku, settijiet għall-ivvjaġġar, backpacks, basktijiet żgħar, umbrelel, parasoli u bsaten, frosti u oġġetti tas-sarraġ; bagolli u valiġġi";

– klassi 25: "Ħwejjeġ, xedd is-saqajn, xedd ir-ras";

– klassi 35: "Bejgħ bl-imnut, ukoll permezz ta' siti tal-internet u t-teleshopping, fil-qasam tal-ħwejjeġ, xedd is-saqajn, xedd ir-ras, prodotti għall-ħasil u għall-ibbliċjar, preparazzjonijiet għat-tindif, għal-lustrar, għall-isgrassar u għall-abrażjoni, sapun, fwejjaħ, żjut essenzjali, kożmetiċi, lozjonijiet tax-xagħar, prodotti għall-iġjene dentali, nuċċalijiet tax-xemx, metall prezzjuz u l-ligi tagħhom, xogħlijiet tal-arti b'metall prezzjuż u l-ligi tagħhom, ġojjellerija, ġojjellerija artifiċjali, ħaġar prezzjuż, orloġġerija u strumenti kronometriċi, ġilda u imitazzjonijiet tal-ġilda, ġild, bagolli u bagalji, basktijiet, backpacks, kartieri, portmonijiet, kaxxetti taċ-ċwievet, kaxxetti għal apparat elettroniku, settijiet għall-ivvjaġġar, basktijiet tad-dahar, boroż, umbrelel, parasoli u bsaten, frosti u oġġetti tas-sarraġ; organizzazzjoni u rappreżentazzjoni ta' programmi ta' reklamar u ta' programmi ta' lealtà tal-klijenti".

1 Huma riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali qieset utli għall-pubblikazzjoni.

4 L-applikazzjoni għal trade mark ġiet ippublikata fil-*Bulettin tat-trade marks Komunitarji* Nru 10/2003, tas-27 ta' Jannar 2003.

5 Fit-28 ta' April 2003, l-intervenjenti, Peek & Cloppenburg (Hamburg), ippreżentat oppożizzjoni skont l-Artikolu 42 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 46 tar-Regolament 2017/1001), kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għall-prodotti u s-servizzi msemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq.

6 L-oppożizzjoni kienet ibbażata fuq l-isem kummerċjali Peek & Cloppenburg irrikonoxxut bħala tali fil-Ġermanja u li huwa użat għal-manifattura u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ħwejjeġ għall-irġiel, għan-nisa u għat-tfal, kif ukoll ta' aċċessorji bħal ċinturini u oġġetti oħra tal-ġilda.

7 Il-motivi invokati insostenn tal-oppożizzjoni kienu, minn naħa, dawk imsemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament 2017/1001), flimkien mal-Artikolu 5(2), mal-Artikolu 6(3) u mal-Artikolu 15(2) tal-Gesetz über den Schutz von Marken und sonstigen Kennzeichen (Markengesetz) (il-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra), tal-25 ta' Ottubru 1994 (BGBl. 1994 I, p. 3082, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra") u, min-naħa l-oħra, dawk imsemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94, flimkien mal-Artikolu 5(2), mal-Artikolu 6(3) u mal-Artikolu 15(3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra.

8 Fis-16 ta' Settembru 2005, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni laqgħet l-oppożizzjoni u ċaħdet l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea għall-prodotti u servizzi msemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq, abbażi tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94 flimkien mal-Artikolu 5(2), mal-Artikolu 6(3) u mal-Artikolu 15(2) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra. Barra minn hekk, hija kkundannat lir-rikorrenti tbati l-ispejjeż tagħha.

9 Fil-15 ta' Novembru 2005, ir-rikorrenti ppreżentat appell quddiem l-EUIPO, skont l-Artikoli 57 sa 63 tar-Regolament Nru 40/94 (li saru l-Artikoli 66 sa 71 tar-Regolament 2017/1001), mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

10 Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Ottubru 2011, il-proċedimenti ta' oppożizzjoni ġew sospiżi minħabba proċedimenti piloti quddiem l-EUIPO dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intervenjenti (Każijiet R 53/2005–1 u R 262/2005–1) (iktar 'il quddiem il-"proċedimenti pilota"). Fil-proċedimenti pilota, b'deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-28 ta' Frar 2011, l-oppożizzjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94 ġew milqugħa u t-talbiet tar-rikorrenti għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Peek & Cloppenburg ġew miċħuda.

11 Permezz ta' żewġ sentenzi tat-18 ta' April 2013, Peek & Cloppenburg vs UASI – Peek & Cloppenburg (Peek & Cloppenburg) (T-506/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:197), u tat-18 ta' April 2013, Peek & Cloppenburg vs UASI – Peek & Cloppenburg (Peek & Cloppenburg) (T-507/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:198), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Frar 2011 fil-proċedimenti pilota. Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Peek & Cloppenburg vs UASI (C-325/13 P u C-326/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2059), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appelli li fil-kuntest tagħhom ir-rikorrenti talbet l-annullament tal-imsemmija sentenzi.

12 Wara l-għeluq definittiv tal-proċedimenti pilota, issoktat din il-proċedura ta' oppożizzjoni.

13 Fi proċedura oħra bejn ir-rikorrenti u l-intervenjenti dwar it-trade marks Ġermaniżi tar-rikorrenti (fosthom tliet trade marks Peek & Cloppenburg), l-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja), wara rinviju mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Lulju 2015 (Kawża I-20 U 24/07), ikkundannat lir-rikorrenti tagħti l-kunsens tagħha għat-tħassir tal-imsemmija trade marks (iktar 'il

quddiem is-"sentenza tal-Oberlandesgericht Düsseldorf"). Fit-28 ta' April 2016, din is-sentenza saret definittiva wara ċaħda tar-rikors għal awtorizzazzjoni tal-appell ta' kassazzjoni mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja).

14 Fit-12 ta' Jannar 2017, ir-rikorrenti talbet lill-EUIPO s-sospensjoni tal-proċedura (iktar 'il quddiem it-"talba għal sospensjoni") sal-adozzjoni ta' deċiżjoni definittiva fil-kuntest ta' kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt li hija ressqet fit-30 ta' Novembru 2016 kontra l-intervenjenti (iktar 'il quddiem il-"kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt") quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf, il-Ġermanja). Permezz tal-imsemmija kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt, hija talbet lil-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf) tikkonstata li hija għandha d-dritt li tirreġistra trade marks idderivati mill-isem kummerċjali tagħha u li tużahom fir-reġjuni tal-Ġermanja li ġew attribwiti lilha permezz ta' ftehim ta' delimitazzjoni konkluż bejn il-partijiet fl-1990 u li allegatament ġie kkonfermat fl-1992 (iktar 'il quddiem il-"ftehim ta' delimitazzjoni"). Il-ftehim ta' delimitazzjoni kien jikkonsisti biss f'mapep ġeografiċi li jindikaw l-akronimi tal-partijiet u sinjali fuq kull mappa sabiex jiġu indikati t-territorji attribwiti rispettivament.

15 Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' April 2018 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), l-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI ċaħad l-appell tal-15 ta' Novembru 2005 u t-talba għal sospensjoni.

16 Fl-ewwel lok, il-Bord tal-Appell fakkar il-kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 2017/1001 kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 15 tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra.

17 Fit-tieni lok, il-Bord tal-Appell għamel riferiment għall-konstatazzjonijiet li huwa wettaq fil-proċedimenti piloti u rrefera għall-motivazzjoni li tinsab fid-deċiżjonijiet korrispondenti.

18 Fit-tielet lok, il-Bord tal-Appell qies li l-isem kummerċjali Peek & Cloppenburg kien użat mill-intervenjenti fil-kummerċ sabiex jiddenomina l-impriża u l-ħwienet tagħha fil-Ġermanja u kien jikkostitwixxi isem kummerċjali protett fis-sens tal-Artikolu 5(2) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra. Huwa żied li l-imsemmi isem kummerċjali, li kellu karattru distintiv għoli, kien jippreċedi d-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 6 tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra u li l-użu tiegħu kellu portata li ma kinitx biss lokali.

19 Fir-raba' lok, minn naħa, il-Bord tal-Appell ikkonstata xebh għoli bejn l-isem kummerċjali tal-intervenjenti u t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kif ukoll, għal parti mill-prodotti u servizzi kkonċernati, prossimità tas-setturi, li twassal għal probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 15(2) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra. Min-naħa l-oħra, sa fejn ma kienx hemm prova tal-prossimità tas-setturi, il-Bord tal-Appell ikkonkluda li l-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kien jirriduċi l-isem kummerċjali tal-intervenjenti jew jisfruttah b'mod illegali fis-sens tal-Artikolu 15(3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra.

20 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-argument li kien għadu ma ġiex invokat mir-rikorrenti fil-proċedimenti piloti u li kien jgħid li hija kellha, abbażi tal-ftehim ta' delimitazzjoni, dritt kuntrattwali li tuża u li tirreġistra t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, l-ewwel nett, il-Bord tal-Appell irrileva li l-ftehim ta' delimitazzjoni ma kienx jorbot lill-EUIPO, iżda kellu jiġi applikat għall-partijiet fil-kuntratt mill-qorti kompetenti tal-Istat Membru. It-tieni nett, huwa qies li r-rikorrenti ma kinitx ipprovat li l-imsemmi ftehim kien jagħtiha d-dritt li tuża u li tirreġistra trade marks tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, huwa osserva li, minn naħa, tali drittijiet ma jirriżultawx mis-sentenza tal-Oberlandesgericht Düsseldorf u, min-naħa l-oħra, anki fis-sitwazzjoni fejn il-ftehim ta' delimitazzjoni jinkludi wkoll ir-reġistrazzjoni ta' trade marks, ma kienx stabbilit li dan kien jestendi wkoll għal trade marks tal-Unjoni Ewropea.

21 Fis-sitt lok, il-Bord tal-Appell qies, essenzjalment, li r-rikorrenti lanqas ma kienet ipprovat li s-sentenza dikjaratorja mixtieqa fil-kuntest tal-azzjoni kontrotalba għal konstatazzjoni ta' dritt quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf) tipproduċi effetti proċedurali fir-rigward ta' din il-proċedura sa fejn tali sentenza ma tobbligax lill-intervenjenti tirtira l-oppożizzjoni tagħha mressqa quddiem l-EUIPO. Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell osserva li l-kontenut tal-imsemmi rikors ma kellux konsegwenza fuq il-proċedura ineżami peress li r-rikorrenti ma kinitx ipprovat li l-ftehim ta' delimitazzjoni (allegatament konkluż fl-1990 u allegatament ikkonfermat fl-1992) kien jagħtiha d-dritt li tuża u li tirreġistra trade marks tal-Unjoni Ewropea u li, anki fis-sitwazzjoni fejn il-ftehim ta' delimitazzjoni jinkludi wkoll ir-reġistrazzjoni ta' trade marks, ma huwiex stabbilit li dan jinkludi territorji ta' bejgħ li jinsabu barra l-Ġermanja u trade marks tal-Unjoni Ewropea li kienu rregolati biss bir-Regolament Nru 40/94.

22 Bħala konklużjoni, il-Bord tal-Appell ċaħad l-appell u, għaldaqstant, laqa' l-oppożizzjoni fuq il-bażi tal-isem kummerċjali tal-intervenjenti.

It-talbiet tal-partijiet

23 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

24 L-EUIPO jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

25 L-intervenjenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-parti intervenjenti.

Id-dritt

[*omissis*]

Fuq il-mertu

42 Ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi, ibbażati, l-ewwel nett, fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 2017/1001 u tal-Artikolu 15(2) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra, it-tieni nett, fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 2017/1001 u tal-Artikolu 15(3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra, it-tielet nett, fuq ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament 2017/1001 u, ir-raba' nett, essenzjalment fuq ksur tal-Artikolu 70 tar-Regolament Nru 2017/1001 u tar-Regola 20(7)(c) tar-Regolament Nru 2868/95 (li saret l-Artikolu 71(1) tar-Regolament ta' Delega 2018/625).

43 Permezz tal-ewwel tliet motivi tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell interpreta b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 2017/1001 u tal-Artikolu 15(2) u (3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra sa fejn huwa ħa inkunsiderazzjoni

b'mod inkomplet il-kundizzjonijiet materjali previsti mid-dritt Ġermaniż. Permezz tar-raba' motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell kiser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 70 tar-Regolament Nru 2017/1001 u tar-Regola 20(7)(c) tar-Regolament Nru 2868/95 sa fejn huwa wettaq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fl-evalwazzjoni tat-talba għal sospensjoni tiegħu, u għalhekk wettaq użu ħażin ta' poter.

44 L-ewwel tliet motivi, li fil-kuntest tagħhom ir-rikorrenti tiżviluppa argumenti simili, għandhom jiġu eżaminati flimkien.

Fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet motiv, ibbażati fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 2017/1001 u tal-Artikolu 15(2) u (3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra

[*omissis*]

99 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta kkonstata li r-rikorrenti ma kinitx ipprovat li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jagħtiha d-dritt li tirreġistra trade marks tal-Unjoni Ewropea, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar il-motiv superfluwu tad-deċiżjoni kkontestata li, anki jekk jitqies li l-ftehim ta' delimitazzjoni jinkludi r-reġistrazzjoni ta' trade marks, ma huwiex stabbilit li dan jestendi għal trade marks tal-Unjoni Ewropea.

100 Minn dan isegwi li l-ewwel tliet motivi, ibbażati fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 2017/1001 u tal-Artikolu 15(2) u (3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra, għandhom jiġu miċħuda.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 70 tar-Regolament Nru 2017/1001 u tar-Regola 20(7)(c) tar-Regolament Nru 2868/95

101 Ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li l-Bord tal-Appell kiser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 70 tar-Regolament Nru 2017/1001 u tar-Regola 20(7)(c) tar-Regolament Nru 2868/95 meta ddeċieda li jiċħad it-talba tagħha għas-sospensjoni tal-proċedura.

102 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Bord tal-Appell ikkonstata, fil-punti 38 u 39 tad-deċiżjoni kkontestata, li sospensjoni addizzjonali ma kinitx iġġustifikata sa fejn l-azzjoni tal-kontrotalba għal konstatazzjoni ta' dritt quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf) kienet tirreferi biss għal konstatazzjoni u ma tistax twassal sabiex l-intervenjenti tkun obbligata tirtira l-oppożizzjoni tagħha.

103 It-tieni nett, il-Bord tal-Appell irrileva li l-kontenut tar-rikors ma kellu ebda effett fuq din il-proċedura. F'dan ir-rigward, huwa ppreċiża li r-rikorrenti ma kinitx ipprovat li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jagħtiha d-dritt li tuża u li tirreġistra trade marks u li, anki fis-sitwazzjoni fejn il-ftehim ta' delimitazzjoni kien jinkludi wkoll ir-reġistrazzjoni ta' trade marks, ma huwiex stabbilit li dan jestendi wkoll għal territorji ta' bejgħ li jinsabu barra mill-Ġermanja (punti 34 sa 37, 40 u 41 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Bord tal-Appell żied li r-rikorrenti la kienet allegat u lanqas stabbilixxiet li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jinkludi wkoll trade marks tal-Unjoni Ewropea (punt 42 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell osserva li raġunijiet oħra li juru li sospensjoni addizzjonali tal-proċedura kienet xierqa ma kinux ġew allegati b'mod fondat u, konsegwentement, ċaħad it-talba għal sospensjoni.

104 Ir-rikorrenti tikkritika dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha billi ssostni li huma bbażati fuq teħid inkunsiderazzjoni parzjali biss tal-fatti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, fuq ksur ta' aspetti importanti tad-dritt sostantiv Ġermaniż, kif ukoll fuq ksur tal-effett tal-azzjoni kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt li hija ressqet. Ir-raġunament tal-Bord tal-Appell huwa żbaljat b'mod ġenerali peress li ma jindirizzax l-aspetti tad-dritt tal-impriżi bl-istess isem kif ukoll l-aġir

kontradittorju tal-intervenjenti u ma jinkludi ebda bbilanċjar tal-interessi reċiproċi tal-partijiet. Konsegwentement, il-Bord tal-Appell wettaq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fl-evalwazzjoni tat-talba tiegħu għal sospensjoni, u għalhekk wettaq użu ħażin ta' poter.

105 B'mod partikolari u fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tqis li l-kunsiderazzjoni tal-Bord tal-Appell li l-kontrotalba għal konstatazzjoni ta' dritt imressqa quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf) ma tirrigwardax l-obbligu ta' rtirar tal-att ta' oppożizzjoni, hija żbaljata. Fil-fatt, fil-fehma tagħha, il-konstatazzjoni li hija xtaqet tikseb, jiġifieri l-fatt li tkun awtorizzata titlob ir-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, għandha portata ħafna iktar wiesgħa minn rikors intiż għall-irtirar tal-att ta' oppożizzjoni. Minn dan jirriżulta li l-protezzjoni kontra l-probabbiltà ta' konfużjoni u l-protezzjoni tar-reputazzjoni, li l-intervenjenti tinvoka kontra t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni billi tibbaża ruħha fuq l-isem kummerċjali tagħha, ma jeżistux fir-rigward tad-dritt Ġermaniż rilevanti f'dan ir-rigward u s-sentenza ta' konstatazzjoni mixtieqa tiddeċiedi, konsegwentement, direttament dwar il-fondatezza tat-talba tal-intervenjenti li r-rikorrenti tiġi pprojbita milli tuża t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni.

106 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tqis li l-kunsiderazzjoni tal-Bord tal-Appell li tgħid li la kien allegat u lanqas stabbilit li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jinkludi wkoll trade marks tal-Unjoni Ewropea hija żbaljata sa fejn hija ppreċiżat espressament, insostenn tat-talba tagħha għal sospensjoni tat-12 ta' Jannar 2017, li l-kontrotalba tagħha għall-konstatazzjoni ta' dritt kienet tikkonċerna wkoll it-trade marks tal-Unjoni Ewropea. Hija pproduċiet il-prova ta' dan, peress li t-talbiet tal-kontrotalba għal konstatazzjoni ta' dritt jinkludu fil-formulazzjoni tagħhom, jiġifieri "trade marks", it-trade marks tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell li l-ftehim ta' delimitazzjoni ma jiddeċidiex b'mod ċar il-kwistjoni dwar jekk kienx jinkludi t-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea huwa irrilevanti peress li ftehim li l-għan tiegħu huwa li jeskludi probabbiltà ta' konfużjoni fil-Ġermanja, billi jagħti, f'dan l-Istat Membru, żoni ġeografiċi li fihom huwa awtorizzat l-użu ta' trade marks nominattivi, huwa wkoll rilevanti fir-rigward tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea.

107 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li l-kunsiderazzjoni tal-Bord tal-Appell, li l-kontenut tar-rikors lanqas ma għandu effett fuq din il-proċedura, hija żbaljata. Li kieku d-deċiżjoni meħuda fuq il-bażi ta' kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt kienet tistabbilixxi li hija kellha d-dritt li titlob ir-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, l-użu tal-imsemmija trade mark la jkun "mhux awtorizzat" skont l-Artikolu 15(2) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra, la "mingħajr raġunijiet leġittimi", u lanqas eżerċitat "indebitament", skont l-Artikolu 15(3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra. B'hekk, il-kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt, li kieku ġiet milqugħa, kien ikollha bħala konsegwenza li tittieħed deċiżjoni, fl-aħħar nett, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatti ġodda, dwar il-fondatezza tat-talba tal-intervenjenti li jiġi pprojbit l-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, skont l-Artikolu 15(2) u (3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra. Min-naħa l-oħra, id-deċiżjonijiet preċedenti mogħtija f'kawżi paragunabbli bejn il-partijiet huma irrilevanti għall-azzjoni tal-kontrotalba bħala konstatazzjoni ta' dritt peress li l-fatti ġodda ppreżentati f'dan il-każ għadhom ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-imsemmija deċiżjonijiet.

108 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw din l-argumentazzjoni.

109 Qabelxejn, għandu jitfakkar li l-Bord tal-Appell għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex jissospendi jew le proċedura. Ir-Regola 20(7)(c) tar-Regolament Nru 2868/95, applikabbli għall-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell skont ir-Regola 50(1) ta' dan ir-regolament, turi din is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa billi tipprovdi li l-UASI jista' jissospendi l-proċedimenti ta' oppożizzjoni meta ċ-ċirkustanzi jiġġustifikaw tali sospensjoni. Is-sospensjoni tibqa' għaldaqstant għażla għall-Bord tal-Appell, li jiddeċiedi li japplikaha biss meta huwa jqis li tkun iġġustifikata. Il-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell għalhekk ma hijiex awtomatikament sospiża wara talba mressqa f'dan is-sens minn parti quddiem l-imsemmi bord (ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2015, Petco Animal Supplies Stores vs UASI – Gutiérrez Ariza (PETCO), T-664/13, EU:T:2015:791, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

110 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-fatt li l-Bord tal-Appell għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex jissospendi l-proċedimenti pendenti quddiemu ma jeżentax l-evalwazzjoni tiegħu mill-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni. Dan il-fatt jillimita, madankollu, dan l-istħarriġ fuq il-mertu għal verifika tan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni jew ta' abbuż ta' poter (ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2015, PETCO, T-664/13, EU:T:2015:791, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

111 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu dwar is-sospensjoni tal-proċedimenti, il-Bord tal-Appell għandu josserva l-prinċipji ġenerali li jirregolaw smigħ xieraq fi ħdan Unjoni tad-dritt. Konsegwentement, matul dan l-eżerċizzju, huwa għandu mhux biss jieħu inkunsiderazzjoni l-interess tal-parti li t-trade mark tal-Unjoni Ewropea tagħha qiegħda tiġi kkontestata, iżda wkoll dak tal-partijiet l-oħra. Id-deċiżjoni ta' sospensjoni jew ta' nuqqas ta' sospensjoni tal-proċedura għandha tkun ir-riżultat ta' bbilanċjar tal-interessi inkwistjoni (ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2015, PETCO, T-664/13, EU:T:2015:791, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

112 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandu jiġi eżaminat jekk il-fatturi li l-Bord tal-Appell ħa inkunsiderazzjoni kinux jippermettulu jikkonkludi, mingħajr ma jwettaq żball manifest ta' evalwazzjoni u lanqas użu ħażin ta' poter, li fil-każ ineżami ma kienx hemm sospensjoni tal-proċedura.

113 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-Bord tal-Appell qies, essenzjalment, li l-kontrotalba għal konstatazzjoni ta' dritt kienet tirreferi biss għal konstatazzjoni u ma tistax, konsegwentement, twassal sabiex l-intervenjenti tkun obbligata tirtira l-oppożizzjoni tagħha. Għalkemm din il-konstatazzjoni ma hijiex żbaljata, għandu madankollu jiġi rrilevat li dan ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi ġġustifikata ċ-ċaħda tat-talba għal sospensjoni. Fil-fatt, kif issostni ġustament ir-rikorrenti, jekk id-deċiżjoni meħuda fuq il-bażi tat-talba ta' konstatazzjoni tistabbilixxi li hija kellha d-dritt li titlob ir-reġistrazzjoni tat-trade marks li jirriżultaw mill-isem kummerċjali tagħha, b'mod partikolari tas-sinjal verbali Peek & Cloppenburg, il-Bord tal-Appell għandu għalhekk jieħu inkunsiderazzjoni dan ir-riżultat u jista' għalhekk iqis li r-rikorrenti pproduċiet il-prova li r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni la kienet "mhux awtorizzata" skont l-Artikolu 15(2) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra, la "mingħajr raġunijiet leġittimi", u lanqas ma twettqet "indebitament" skont l-Artikolu 15(3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra li, skont id-dritt Ġermaniż, ikun jeskludi l-protezzjoni kontra l-probabbiltà ta' konfużjoni invokata. Minn dan isegwi li, anki jekk il-konstatazzjoni mixtieqa mir-rikorrenti ma għandhiex il-konsegwenza li tobbliga lill-intervenjenti tirtira l-att ta' oppożizzjoni tagħha u, anki jekk l-EUIPO ma huwiex marbut bid-deċiżjoni tal-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf), din il-konstatazzjoni għandha madankollu tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 2017/1001 u tal-Artikolu 15(2) u (3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra u, konsegwentement, anki fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni fir-rigward tat-talba għal sospensjoni. Għalhekk, huwa b'mod ġust li l-Bord tal-Appell ma llimitax ruħu għall-konstatazzjoni li l-azzjoni tal-kontrotalba għal konstatazzjoni ta' dritt ma setgħetx twassal sabiex l-intervenjenti tkun obbligata tirtira l-att ta' oppożizzjoni tagħha, iżda, sussegwentement, ħa pożizzjoni dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-kontenut tar-rikors quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf) għall-proċedura f'dan il-każ.

114 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-portata tal-ftehim ta' delimitazzjoni, għandu, preliminarjament, jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn ineżattezzi materjali, sa fejn il-Bord tal-Appell afferma, fil-punti 41 u 42 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti la allegat u lanqas stabbilixxiet li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jinkludi wkoll trade marks tal-Unjoni Ewropea u li ma huwiex stabbilit li dan jestendi wkoll għal territorji ta' bejgħ li jinsabu barra l-Ġermanja. Fil-fatt, minn naħa, kuntrarjament għal dak li huwa indikat fil-punt 42 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti tirrileva ġustament li hija allegat insostenn tat-talba tagħha għas-sospensjoni tat-12 ta' Jannar 2017 li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jikkonċerna wkoll it-trade marks tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, il-Bord tal-Appell kien żbaljat meta kkonstata li r-rikorrenti ma kinitx sostniet tali allegazzjoni. Barra

minn hekk, ir-rikorrenti ġustament tenfasizza li hija pproduċiet il-prova ta' dan, peress li t-talbiet tal-kontrotalba għal konstatazzjoni ta' dritt jinkludu fil-formulazzjoni tagħhom it-trade marks tal-Unjoni Ewropea. Min-naħa l-oħra, u wkoll bi qbil mal-argument tar-rikorrenti, għandu jiġi rrilevat li l-kunsiderazzjoni tal-Bord tal-Appell li tgħid li ma huwiex stabbilit li l-ftehim ta' delimitazzjoni jestendi wkoll għat-territorji ta' bejgħ li jinsabu barra mill-Ġermanja hija irrilevanti sa fejn din il-konstatazzjoni ma tippermettix neċessarjament li jiġi konkluż li l-imsemmi ftehim ma jinkludix trade marks tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż *a priori* li l-partijiet ta' ftehim ta' koeżistenza jipprovaw isibu soluzzjoni għas-sitwazzjoni prevista mill-azzjoni tal-kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt ippreżentat mir-rikorrenti quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf), jiġifieri d-dritt li jiġu rreġistrati trade marks, b'mod partikolari trade marks tal-Unjoni Ewropea, għall-finijiet ta' użu f'reġjuni li huma attribwiti lir-rikorrenti f'dan il-kuntratt, anki jekk dawn ir-reġjuni jillimitaw ruħhom għal Stat Membru wieħed. Fil-fatt, sa fejn mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-prova tal-użu ġenwin ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex neċessarjament ikollha portata transkonfinali (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Leno Merken, C-149/11, EU:C:2012:816, punt 50), ma jistax jiġi eskluż, *a priori*, li l-partijiet għall-imsemmi ftehim ifittxu li jirreġistraw trade marks tal-Unjoni Ewropea, anki jekk, skont il-ftehim u fil-mument tar-reġistrazzjoni, l-użu ta' dawn it-trade marks tal-Unjoni Ewropea huwa previst biss fi Stat Membru wieħed. Madankollu, din l-evalwazzjoni żbaljata tal-Bord tal-Appell twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata biss fil-każ fejn l-eżami li huwa wettaq tal-probabbiltajiet ta' suċċess tal-azzjoni tal-kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf) u l-konstatazzjoni tiegħu li r-rikorrenti ma kinitx ipprovat li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jagħtiha dritt li tuża u tirreġistra trade marks tal-Unjoni Ewropea, ikunu huma stess żbaljati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Novembru 2016, PALLADIUM PALACE IBIZA RESORT & SPA, T-217/15, mhux ippubblikata, EU:T:2016:691, punti 36 u 50).

115 F'dan ir-rigward, huwa utli li jitfakkar li, fir-rigward ta' proċedura mressqa kontra trade mark preċedenti, li fuqha hija bbażata l-oppożizzjoni, diġà ġie deċiż li analiżi *prima facie* tal-probabbiltajiet ta' suċċess ta' tali proċedura tagħmel parti mill-kuntest iktar wiesa' tas-setgħa diskrezzjonali rrikonoxxuta lill-Bord tal-Appell, kif imfakkar fil-punt 109 iktar 'il fuq, u hija ġġustifikata mill-għan li jiġi evitat li l-istrument tas-sospensjoni jista' jintuża għall-finijiet ta' tardività (sentenza tal-21 ta' Ottubru 2015, PETCO, T-664/13, EU:T:2015:791, punt 34; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Beko vs EUIPO – Acer (ALTUS), T-162/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:87, punt 44). F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, meta l-probabbiltajiet ta' suċċess ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità jkunu *prima facie* meqjusa bħala żgħar, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-Bord tal-Appell, il-bilanċ tal-interessi tal-partijiet ixaqleb neċessarjament favur l-interess leġittimu tal-parti li tressaq l-oppożizzjoni li tikseb, mingħajr dewmien, deċiżjoni dwar l-oppożizzjoni (sentenza tal-21 ta' Ottubru 2015, PETCO, T-664/13, EU:T:2015:791, punt 35).

116 Issa, f'dan il-każ mid-dokumenti tal-proċess u mill-osservazzjonijiet tar-rikorrenti ma jirriżultax li l-Bord tal-Appell wettaq xi żball meta qies, fil-punti 34 sa 41 tad-deċiżjoni kkontestata, wara analiżi *prima facie* tal-probabbiltajiet ta' suċċess tal-azzjoni kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt, li l-kontenut tal-imsemmija kontrotalba ma kellux konsegwenza fuq il-proċedura f'dan il-każ sa fejn ir-rikorrenti ma kinitx ipprovat li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jagħtiha d-dritt li tuża u li tirreġistra trade marks tal-Unjoni Ewropea.

117 Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, id-deċiżjonijiet preċedenti msemmija fil-punt 13 iktar 'il fuq u li jirrigwardaw it-trade marks Ġermaniżi tar-rikorrenti ma humiex irrilevanti, iżda jistgħu jservu ta' bażi għal analiżi *prima facie* tal-probabbiltajiet ta' suċċess tal-azzjoni kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt. B'hekk, kif isostni ġustament l-EUIPO, l-azzjoni tal-kontrotalba għal konstatazzjoni ta' dritt imressqa quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf) hija intiża sabiex tikkjarifika essenzjalment l-istess kwistjonijiet ta' dritt bħal dawk li kienu diġà ġew ittrattati b'mod definittiv fil-proċedura quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta'

Düsseldorf), l-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf) u l-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja), jiġifieri l-kwistjoni dwar jekk il-ftehim ta' delimitazzjoni jagħtix lir-rikorrenti d-dritt li tuża u li tirreġistra trade marks tal-Unjoni Ewropea.

118 Issa, kif ġie espost fil-punt 99 iktar 'il fuq, il-Bord tal-Appell, billi ħa inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza fil-proċedimenti piloti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll il-ġurisprudenza fil-kawżi paralleli quddiem il-qorti Ġermaniża (Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf) u Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja)), ma wettaqx żball meta kkonstata li r-rikorrenti ma kinitx ipprovat li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jagħtiha d-dritt li tirreġistra trade marks tal-Unjoni Ewropea.

119 Għalhekk, billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-kriterju materjali li jirriżulta mill-espressjonijiet "mingħajr awtorizzazzjoni" u "mingħajr raġunijiet leġittimi" u mit-terminu "indebitament" fis-sens tal-Artikolu 15(2) u (3) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Trade Marks u ta' Sinjali Distinti Oħra u l-fatti ġodda invokati f'dan ir-rigward mir-rikorrenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-allegati drittijiet li jirriżultaw mill-ftehim ta' delimitazzjoni kif ukoll l-aspetti tad-dritt tal-impriżi li għandhom l-istess isem u l-aġir allegatament kontradittorju tal-intervenjenti, il-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta kkonstata li r-rikorrenti ma kinitx ipprovat li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jagħtiha d-dritt li tirreġistra trade marks tal-Unjoni Ewropea, li kien jippermetti li jiġi konkluż li kien hemm analiżi *prima facie* tal-probabbiltajiet ta' suċċess tal-azzjoni kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt permezz tal-affermazzjoni li dawn ma kinux stabbiliti.

120 Għaldaqstant, minkejja li qies, b'mod żbaljat, fil-punti 41 u 42 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti la kienet allegat u lanqas stabbilixxiet li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jinkludi wkoll trade marks tal-Unjoni Ewropea u li dan ma kienx jestendi wkoll għal territorji ta' bejgħ stabbiliti barra mill-Ġermanja, huwa mingħajr ma wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni li l-Bord tal-Appell qies, fil-kuntest tal-osservazzjonijiet dwar il-ftehim ta' delimitazzjoni u t-talbiet għal sospensjoni (punti 34 sa 43 tad-deċiżjoni kkontestata), li l-kontenut tal-azzjoni kontrotalba għall-konstatazzjoni ta' dritt quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf) ma kellu ebda rilevanza għall-proċedura preżenti u li r-rikorrenti ma kinitx ipprovat li l-ftehim ta' delimitazzjoni kien jagħtiha dritt li tuża u tirreġistra trade marks inklużi trade marks tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Novembru 2016, PALLADIUM PALACE IBIZA RESORT & SPA, T-217/15, mhux ippubblikata, EU:T:2016:691, punti 36 u 50).

121 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-raba' motiv għandu jiġi miċħud u li, għalhekk, għandu jiġi miċħud ir-rikors fl-intier tiegħu.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Peek & Cloppenburg KG (Düsseldorf) hija kkundannata għall-ispejjeż.

Kanninen Schwarcz Iliopoulos

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Mejju 2020.

Firem